MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 356/2011

**Focal Maritime Services Company Limited**
**vs**

**Top Hat Company Limited**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 t'Ottubru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, disa mija u dsatax-il ewro (€10,919) rapprezentanti flejjes dovuti mis-socjeta konvenuta lill-principal tas-socjeta attrici, Sermar Line SRL, dovuti lilha bhala *demurrage charges* mit-30 t'Awissu 2005 sas-7 ta' Frar 2007 in konnessjoni mal-container Nru SERU 2200660 ex M/V Carola voy 022, li ntbaghat f'isem is-socjeta konvenuta minn Malta ghall-Istanbul, Turkija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 28 ta’ Novembru 2007, 29 ta’ Ottubru 2008, 16 ta’ Ottubru 2009 u 25 ta’ Ottubru 2010 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lis-socjeta konvenuta fit-12 ta’ Novembru 2011, kif jidher a fol 14 tergo skond ir-riferta posittiva tal-Marixxal Saviour Falzon datata 15 ta’ Novembru 2011.

Illi fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru, 2011 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-5 ta’ Dicembru, 2011 is-socjeta konvenuta giet imsejha izda ma deher hadd, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, disa mija u dsatax-il ewro (€10,919) rapprezentanti flejjes dovuti mis-socjeta konvenuta lill-principal tas-socjeta attrici, Sermar Line SRL, dovuti lilha bhala demurrage charges mit-30 t’ Awissu 2005 sas-7 ta’ Frar 2007 in konnessjoni mal-container Nru SERU 2200660 ex M/V Carola voy 022, li ntbaghat f’isem is-socjeta konvenuta minn Malta ghall-Istanbul, Turkija.**

**Bl-ispejjez w bl-imghaxijiet kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------